# KUNSILL LOKALI TAL-IMQABBA

29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512

TEL: 2168 0622

E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt

L-Imqabba Local Council

**Minuti tas-57 laqgħa (laqgħa b'urġenza) tat-8 leġislatura tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba li nżammet it-Tlieta 04 ta' Lulju 2023 fis-5:45 p.m. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, 29, Triq il-Parroċċa, l-Imqabba.**

**Preżenti** :

| | |
|---|---|
| Grace Marie Zerafa | Sindku |
| Jonathan Dingli | Kunsillier |
| Raymond Decelis | Kunsillier |

**Assenti** :

| | |
|---|---|
| Owen Sciberras | Kunsillier |

**Uffiċċjal** :

| | |
|---|---|
| Valerie Galea | Segretarju Eżekuttiv |

Is-Sindku ippresjediet il-laqgħa.

**57.01 Talba**

57.01.01 Il-laqgħa bdiet billi ntqalet it-talba mis-Sindku.

**57.02 Qari tal-ittri ta'apoloġiji**

57.02.01 Is-S.E. infurmat li l-Viċi Sindku kien informa li ma kienx ser jattendi minħabba raġunijiet personali. Il-Viċi Sindku ġie meqjus bħala skużat.

**57.03 Kuntratt dwar iż-żamma u manutenzjoni tal-latrina pubblika**

57.03.01 Is-Sindku semmiet kemm qed ikun hawn tgergir rigward l-istat tal-latrina pubblika fi Triq Karmenu Ciantar kantuniera ma' Triq id-9 t'April 1942. Hija kompliet billi qalet li hi personalment wissiet diversi drabi lill-kuntrattur b'mod verbali apparti d-default notices li ntbagħtulu mill-uffiċċju sabiex jaderixxi mal-kuntratt li għandu mal-Kunsill. Minkejja dan, is-servizz xorta baqa' sejjer lura, fejn anke f'*voice message* li l-imsemmi kuntrattur bagħat lis-Sindku, huwa żvela li x-xogħol fil-latrina qed jagħmlu permezz ta' lavrant ta' kuntrattur ieħor tal-Kunsill – meta dan suppost li jkun qed jaqdi dmirijietu fuq xogħol ieħor fl-istess ħin.

Wara diskussjoni dwar dan kollu, il-membri tal-Kunsill preżenti, qablu b'mod unanimu li dan il-kuntratt għandu jiġi tterminat. Kien hemm qbil ukoll biex jintalbu stimi għall-istess servizz, biex sakemm jerġa' joħroġ it-*tender* u jiġi aġġudikat, il-latrina tkun tista' tibqa' topera permezz ta' *direct order*.

29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512
TEL: 2168 0622
E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt
L-Imqabba Local Council


**57.04** **Tmiem tal-laqgħa**

57.04.01 Il-laqgħa ntemmet fis-06.05 pm u s-Sindku fakkret fil-laqgħa li jmiss kif kienet skedata fl-aħħar laqgħa tal-kunsill, għal nhar il-Ħamis 20 ta' Lulju 2023 fil-5:30 pm.

Konfermati illum il-Ħamis 20 ta' Lulju 2023.

| | |
|---|---|
| **Grace Marie Zerafa**<br>**Sindku** | **Valerie Galea**<br>**Segretarju Eżekuttiv** |